Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,718, 8 ta' April, 1980

Taqsima B

A.L. 39 ta' l-1980

ATT TA' L-1974 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXXIX TA' L-1974)

Regolamenti ta' l-1980 dwar id-Drittijiet ta' l-Università

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 (4) ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 dwar id-Drittijiet ta' l-Università. Titolu.

2. Għandhom jitħallsu minn studenti barranin dwar korsijiet fl-Università ta' Malta għas-sena akkademika 1980/81 għall-kors li għalih ikunu daħlu, id-drittijiet li ġejjin: Drittijiet.

Edukazzjoni	£375 kull perijodu akkademiku
Amministrazzjoni Pubblika	£375 kull perijodu akkademiku
Business Management	£375 kull perijodu akkademiku
Accountancy	£375 kull perijodu akkademiku
Liġi	£375 kull perijodu akkademiku
Mediċina u Kirurġija	£625 kull perijodu akkademiku
Inġinerija Ċivili	£750 kull perijodu akkademiku
Inġinerija Mekkanika	£750 kull perijodu akkademiku
Inġinerija Elettrika	£750 kull perijodu akkademiku